MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 990/2006

**Karl Azzopardi**

**vs**

**Albert Mizzi f`isem Central Mediterranean Development Corporation Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

1. B`citazzjoni Numru 475/2004GC fl-ismijiet *Albert Mizzi f`isem Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Karl Azzopardi,* il-presenti konvenut nomine talab li "(1) l-*(allura)* konvenut jigi dikjarat li huwa moruz fil-pagament tal-canone u dan ghal sitt skadenza u cioe` mill-11 ta` Mejju, 1998 sal-10 ta` Mejju, 2004 u ghalhekk kiser il-kondizzjoni tal-koncessjoni sub-enfitewtika. (2)

tigi dikjarata xolta l-koncessjoni sub-enfitewtika skond klawsola numru 10 tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler datat 11 ta` Mejju, 1993, (3) jigi ordnat li l-plot numru 164 tirreverti lura f`idejn is-socjeta` attrici u ghal dan l-iskop tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex il-konvenut jizgombra mill-imsemmi fond, (4) jigi ordnat il-likwidazzjoni u l-hlas tal-canone u tal-imghax legali dovut mill-*(allura)* konvenut ghal ammont komplessiv ta` Lm384”. u

2. B`sentenza ta` din il-Qorti tal-24 ta` Marzu, 2006, fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti ikkoncediet tlett xhur ghall-purgazzjoni tal-mora u ddikjarat illi l-allura konvenut kiser il-kondizzjonijiet tal-koncessjoni sub-enfitewtika, ordnat li l-art tirriverti lura f`idejn is-socjeta` attrici fi zmien xahar minn meta jiskadi t-terminu ta` tlett xhur ghall-purgazzjoni tal-mora u ordnat lill-allura konvenut ihallas is-somma ta` Lm384 bhala arretrati ta` cens u l-imghax legali relattiv.

3. Kontestwalment ma` dawn il-proceduri l-attur intavola citazzjoni quddiem din il-Qorti fejn qieghed jitlob it-thassir tas-sentenza tat-24 ta` Marzu, 2006 u r-ritrattazzjoni tal-istess ghat-tenur tal-artikolu 811 (b) u (a) tal-Kodici Dwar l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12; u

4. Ma` din ic-citazzjoni l-attur ta` garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija jekk din ma tigix imhassra; u

5. Jekk is-sentenza tal-24 ta` Marzu, 2006 tigi esegwita, minkejja t-talba tal-attur ghal ritrattazzjoni, huwa ser jissubixxi pregudizzju akbar milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza jikkaguna lill-konvenut nomine; u

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost l-attur rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta` Marzu, 2006 fl-ismijiet *Albert Mizzi f`isem Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Karl Azzopardi,*

(Citazz. Nru 475/06GC) kif intqal ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut nomine li eccepixxa.

1. L-garanzija moghtija ghall-ispejjez u ghall-esekuzzjoni eventwali tas-sentenza li qeghdin jimpunjaw l-atturi, m`hijiex adegwata.

2. Anke minn ezami *“prima facie”* tar-rikors guramentat ta` ritrattazzjoni jidher illi l-attur qieghed jagixxi biss biex itawwal z-zmien ghar-ripreza tal-fond mill-esponenti – s-sospensjoni mitluba m`ghandhiex tinghata.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ikkunsidrat illi skond l-Art. 823(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

*“B`dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista`, ad istanza, b`rikors kemm quddiem il-Qorti ta` l-Appell kemm quddiem il-qorti ta` l-ewwel grad, tal-parti li taghmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta` esekuzzjoni tas-sentenza jekk-*

*(a) flimkien mat-talba taghha dik il-parti taghti garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix imhassra, maghduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u*

*(b) jigi muri ghas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja”*.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Semghet lid-difensuri jittrattaw.

Ikkunsidrat illi, ghalkemm l-intimat nomine allega li l-garanzija moghtija m`hijiex adegwata, dan ma gab ebda prova ta` dan.

Ikkunsidrat ukoll illi fil-kaz in ezami jekk ma tigix sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, il-pregudizzju tar-rikorrenti odjern ikun ferm akbar minn dak li tista` tissubixxi s-socjeta` intimata.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talba tar-rikorrent u tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta` Marzu, 2006 fl-ismijiet Albert Mizzi f`isem Central Mediterranean Development Corporation Limited vs Karl Azzopardi (Cit. Nru. 475/06GC).

L-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------